Fontana

Minuti tal-hamsa u ghoxrin (25) laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana, li saret nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2009, fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar, fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

| Prezenti | Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| Assenti | Is-Sur Lorry Apap |
| Agent Segretarju Ezekuttiv: | Is-Sinjorina Josephine Borg |

Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Saviour Borg
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

Inqraw il-minuti tal-laqgha ta' qabel (24) dik tas-27 ta' Ottubru 2009, u dawn gew approvati.

## Korrispondenza

Memo 70/2009: Obbligu tal-Pubblikazzjoni tas-Sejhiet ghall-Offerti u Kwotazzjonijiet
Memo 71/2009: P.Q. Nru. 11849, 11851, u 11852
Memo 72/2009: P.Q. Nru. 12010 u 12019
Memo 73/2009: P.Q. Nru.12422
Memo 74/2009: Taghrif dwar l-Impjegati tal-Kunsilli Lokali
Memo 75/2009: Tqassim ta' Memos lil -Kunsillieri
Memo 76/2009: Haddiema I.P.S.L.
Memo 77/2009: Sit Eletroniku **www.lc.gov.mt**
Memo 78/2009: Gheluq tas-Sena Finanzjarja



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

Borg S.Borg

Fontana

Memo 79/2009: P.Qs. 12455, 12456, 12574
Memo 80/2009: Pubblikazzjoni Bye-Laws ta' 2009 li jirregolaw il-karozzini gewwa l-Imdina. (Kunsill Lokali Imdina)
MPO: 104/2009: Post of Asst. Principal Lab. Technologist
MPO: 103/2009: Post of Asst. Principal Physiotherapist in the Ministry of Social Policy (Health)
MPO: 106/2009: Expression on interests from amongst public officers to perform duties as Executive Secretaries with Local Councils.
MPO: 107/2009: Post of Snr. Pharmacist within the Directorate of Pharmacy of your choice in the Ministry of Social Policy.
MPO: 108/2009: Expression of interest from amongst Public Officers in the Grade of Senior Principals to be deployed on duties at MEUSAC/MCESD (Gozo Regional Office)
HF/MFEI : 7/2009: Filing of Vacant Positions as Asst. Director in the MFEI
HR/MEDC: 2/2009: Filing of Vacant Position of Asst. Director in the MEDC
MPO 110/2009: Expression of interest from amongst Public Officers/Public Sector Employees to be assigned duties at the Foundation of Medical Services
MPO 111/2009: Post of Principal Agricultural Office in the Plant Health Dept.within the MRRA.
MPO 112/2009: Post of Senior Agricultural Officer in the Fish and Farming Regulation
Control Division within the MRRA.
MPO: 113/2009 Expression of interests from amongst public officers/public sector employees to be deployed to perform duties as VAT inspectors in the VAT Division, within the MFEI.

Korrispondenza mis-Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Nformazzjoni fuq konferenza "Sustainable Localities"; mill-GRTU, korrispondenza ghall-Budget 2010; mill-GAP tal-group "LEADER" dwar konferenza is-Sibt 14 ta' Novembru 2009. Mill-Ministeru ta' Ghawdex , Sezzjoni tal-Kultura, dwar il-kampanja pubblicitarja "Gozo....... The place to be at Christmas"; mill-Ministeru tal-Politika Socjali dwar konferenza fuq il-familja li ser issir fit-22 u 23 ta' Jannar 2010, u l-applikazzjonijiet ghal Premju Nazzjonali Haddiem tas-Sena 2010, il-Kunsill ma kellux nominazzjonijiet, u mill-Heritage Malta dwar kors fuq "Wood Conservation and Restoration".

Korrispondenza mill-AKL li l-Kunsilli jistghu jsiru "upgrading" tal-computer mal-Malta Communications Authority; kif ukoll dwar il-hlas ghall-iskart fuq "invoices" mibghuta mill-WasteServ. L-AKL issuggerit biex il-Kunsilli Lokali jaslu ghal ftehim ma wahda mill-iskemi ta' gbir ta' skart separat jigifieri ma Green MT jew Green Pak; kif ukoll korrispondenza dwar il-Euro Med Youth Online Network.



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

Fontana

Mill-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh biex ikun hemm partecipanti ghall-Parlament Nazzjonali taz-Zghazagh. Korrispondenza minn Wirt Ghawdex li din l-entita' lesta li tikkopera mal-Kunsill sew f'xoghlijiet ra' restawr kif ukoll fil-management tas-siti storici.

Korrispondenza mill-"Green MT" dwar laqgha nhar it-Tnejn 7 ta' Dicembru 2009.

Korrispondenza mill-"Gozo College", Kan G.P.Agius de Soldanis fuq progett imsejjah "Ilwien", li hu ghall tfaljiet ta' bejn l-14 u t-18, u qeghdin f'xi sitwazzjoni difficli, biex il-Kunsilli jaghtu l-ghajnuna taghhom. Is-Sindku qal li saret laqgha mas-Sindki Ghawdxin waqt li kien f'laqgha regjonali fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u sar qbil li ssir applikazzjoni mill-fond socjali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsilli flimkien bhala regjun. Il-Kunsill unanimament approva dan il-progett u qabel li jaghti l-appogg tieghu. Korrispondenza mill-Ufficcju tal-Kummissarju ghat-Tfal fuq "Guginu's Tour".

Korrispondenza mill-Ufficcju Komunikazzjoni tal-Kurja, tal-Arcisqof, dwar l-Awditur tal-Awtorita tal-MEPA, fuq ir-respondabilita' u t-trasparenza; u mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' dwar konferenza fit-3 ta' Dicembru 2009 fuq "Ix-Xoghol Dritt Ghalina Lkoll"; u mill-Physically Handicapped Rehabilitation Fund, appell ghal "Christmas Stocking Appeal 2009".

Stqarrijiet ghall-istampa mill-Kunsill Lokali tal-Qala dwar il-mewt ta' Anthony Camilleri; u mill-AKL, dwar l-att vandalu fuq il-karozza tas-Sur Keith Darmanin, Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

Mill-Kummissjoni Ewropea f'Malta dwar kampanja ta' nformazzjoni f'Malta dwar id-drittijiet tac-cittadinanza tal-U.E., mis-26 ta' Novembru sa l-1 ta' Dicembru 2009.; mill-MEUSAC dwar seminar ghar-rahhala bdiewa u kumpaniji li joperaw fis-settur agrikolu.

Mill-ADT korrispondenza li t-talba ghar-"reserved parking" minn Carmelo Cordina ma gietx milqugha minhabba li l-persuna li qed tapplika f'isem l-applikant ma tghix fl-istess residenza ta' l-applikant.

Korrispondenza mill-President tar-Regjun t'Ghawdex rigward l-ospitalita' lis-Sindki Calabresi nhar il-Hadd 6 ta' Dicembru 2009, u jrid isir xi hlas ghal din l-ospitalita' bejn l-14 il-Kunsill Lokali Ghawdxin. Il-Kunsill approva dan il-hlas.



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

S. Borg

Fontana

Korrispondenza mill-Ufficcju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni dwar id-Dhul fis-Sehh tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

Korrispondenza mid-Direttur Gvern Lokali dwar seminar fis-26 ta' Novembru 2009 organizat mit-"Tourism and Sustainable Unit" fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru. F'Ghawdex dan is-seminar ser isir aktar tard. Mid-Direttur tal-Gvern Lokali, rigward ir-"ring fencing" tal-"street sweeping" u "road maintenance. Id-Direttur Gvern Lokali approva biex l-ammont tal-knis tat-toroq li jammonta ghal €6194 ma jibqax marbut ma dan il-vot u jista' jintefaq band'ohra, dwar l-ammont tar-"road maintenance" ma tax approvazzjoni. Il-Kunsill diga' hareg l-offerti biex isiru x-xoghlijiet mehtiega f'certi toroq fil-Fontana, u d-Dipartiment gie nfurmat b'dan.

Korrispondenza minn Emanuel Debono dwar pajp ta' l-ilma. Huwa qed jitlob lil Kunsill biex jinghata lura pajp tal-ilma iehor, ghax tieghu, li kien silfu lil kunsill, nqasamlu waqt li kien qed juzah ghal Kunsill, ghax ghadda trakk bil-gebel minn fuqu. Is-Sindku nforma lil Kunsill li din l-ittra nkitbet ghar-raguni li huwa staqsa lis-Sur Debono fejn hu l-pajp tal-Kunsill. Debono wiegeb li qieghed ghandu ghar-raguni li tieghu kien nqassam xi snin ilu, fil-legislatura li ghaddiet. Is-Sindku nforma lil Kunsill li dan messu nforma lis-Segretarju Ezekuttiv bhal ma kien ghamel meta qal li tilef il-furmatur. Il-Kunsill kien qabel li jinxtara furmatur lis-Sur Debono u talbu biex dan ma jergax jigri. Il-Kunsill qabel li jaghtih lura t-tul tal-pajp tal-ilma maqsum, li jgib lura, kif ukoll dak li hu proprjeta' tal-Kunsill.

Korrispondenza mill-MEPA, dwar l-istudju tal-kwalita' tal-arja fil-Fontana, fejn tat sommarju tal-kwalita' tal-arja fil-Fontana sew fil-passat u anke fil-prezent. Is-Sindku ippropona li l-kampjun ghandu jittiehed minn Triq il-Ghajn kif ukoll minn Triq il-Kappillan Hili, dan ghar-raguni li l-kampjun qed jittiehed minn Triq is-Sajjieda li ma tinfidx u ma jghaddux hafna vetturi minnha u dawk li jghaddu huma zghar ghar-raguni li ma jghaddux minn taht il-mina ta' Trejqet ~~Grezzja~~ Grima. Il-Kunsill qabel. Il-MEPA nfurmat lil Kunsill li l-UIF bhalissa hi ta' €6604; tat informazzjoni fuq wirja dwar il-Gallariji ta' l-injam u l-iskema tal-MEPA ta' ghotjiet ta' flus ghar-restawr taghhom; mill-istess MEPA korrispondenza li mill-1 ta' Jannar 2010, il-kuntratti tal-gbir tal-iskart iridu jigu moghtija lil dawk l-individwi/kumpaniji li t-trakkijiet taghhom huma RCV's u irregistrati mal-MEPA; u applikazzjonijiet godda ghal permessi ta' zvilupp 04608/09, u decizjoni fuq PA 1433/08.

Fontana

## Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku fetah l-"envelope" issigillat li kien fih ir-rizultat tal-intervista li ghamel il-Bord tal-Ghazla. L-punti miksuba mis-Sur Karl Vella huma 85 punti minn 100 punt, filwaqt li Ms. Marianne Sagona kienet assenti. Il-Kunsill unanimament approva ir-rizultat tal-intervista. Ghalhekk sar qbil li jigi nfurmat id-Direttur tal-Gvern Lokali b'din il-ghazla tas-Sur Karl Vella bhala s-Segretarju Ezekuttiv, biex jittiehdu l-passi mehtiega. Il-Kunsill qabel li jekk tkun approvata l-hatra, jibda mill-1 ta' Jannar 2010.

## Hrug ta' Offerti

Dwar il-hrug tal-offerti, is-Sindku qal li jridu johorgu l-offerti ghall-fanali dekorattivi, "energy saving u environmental friendly" tad-dawl ghal Triq l-Isptar San Giljan. Dan wara li saret il-konsultazzjoni mar-residenti li ser jitwahhlu l-fanali mal-proprjeta` taghhom u kien hemm zewg ilmenti li gew solvuti peress li ser jitwahhlu ma ta' residenti ohra. Il-Kunsill irid johrog wkoll offerti ghar-restawr tal-Ghajn ta' Bendu, dan ghar-raguni li l-Kunsill ikkwalifika biex jinghata l-fondi mehtiega, kif ukoll tista' tohrog l-offerta ghal sistema "tal-photovoltaic" fuq l-ewwel fazi tac-Centru Civiku. Il-Kunsill qabel, ghalhekk ghandhom jigu avvicinati l-Engineera Galea & Curmi u l-Perit John Saliba biex jippreparaw id-dokumenti mehtiega.

Is-Sindku qal ukoll li l-offerta ta' l-"iscammel" ghalissa nistennew sakemm ljigi deciz min ser jigbor l-iskart separat, miz-zew kumpaniji li huma ntertessati Green Pak u Green MT. Dwar dan qed isiru diskussjonijiet bhala regjun. Il-Kunsill qabel. Ghalhekk ghalissa, sakemm tinhareg l-offerta, jrid jiggedded xahar, b'xahar il-kuntratt ezistenti ma Savio Debrincat.



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel. 21558877 Fax: 21562555

Fontana

## Mozzjonijiet

Mozzjoniu Nru. 32 mressqa Mis-Sindku Saviour Borg, u ssekondata mill-Vici-Sindku, Tony Borg: Il-Kunsill Lokali Fontana ghandu jiehu hsieb li jibda jorganizza festival tal-loghob tan-nar li l-lokal taghna huwa maghruf ghalih, fejn jigu mistiedna diversi kmamar tan-nar biex jiehdu sehem.

Dan ghandu jizviluppa bhala l-attrazzjoni ewlenija organizzata mill-Kunsill matul is-sena. Possibilment jsir lejn l-ahhar nofs ta' Settembru.

Ghal fondi mehtiega l-Kunsilll ghandu japplika mill-iskema li tohrog tal-attivitajiet kulturali, mill-programm "Leader", u fondi tal-Kunsill.

Is-Sindku ippropona biex issir talba biex dawk it-€3,500, li l-Kunsill gie moghti ghas-Sagra ta' Sant'Indrija, jmorru ghal dan il-festival tan-nar. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Is-Sindku issugerixxa li din ghandha tkun attivita' fuq gurnata wahda, is-Sibt.

## Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa x'kienet ir-raguni ghaliex is-Sagra ta' Sant'Indrija ma saritx. Dan minhabba li sar xi diskors ghax ifisser jew ma nkunx nafu x'inhu jigri, jew biex naghmlu hsara lil Kunsill jew lil xi individwi.

Is-Sindku qal li s-Sagra ta' Sant'Indrija ma saritx minhabba li r-"re-enactment" li kellu jsir il-Hadd, li kellu jiehu hsiebu is-Sur George Cassar, baqa' ma kellimniex u lanqas gie ghal laqgha tal-Kunsill, meta kellu jigi ghall laqgha li ghaddiet, biex niftehmu fuq il-prezz u l-attivita'. Barra minn hekk, gie avvicinat minn persuna f'isem l-kamra tan-nar "Qalb ta' Gesu" li qaltlu li huma gew mgharrfa li gie ordnat n-nar ghas-Sagra ta' Sant Andrija lid-dilettanti li illum jahdmu n-nar tal-festa, dan minghajr ma gie approvat mill-Kunsill. Is-Sindku nforma lil Kunsill li cahad dan, u bhala konferma ta kopja tal-minuti lil din il-persunatal-laqgha tad-29 ta' Lulju li ghadda, meta gie approvat mill-Kunsill li jordna 2300 Ewro ghan-nar tal-art ghand l-ghaqda dilettanti tan-nar tal-Fontana li jiehdu hsieb jahdmu n-nar tal-festa titulari. Meta dawn id-dilettanti li kienu ser jahdmu n-nar semghu b'dawn l-afffarijiet, nfurmaw lis-Sindku li kienu ser jirtiraw minn dan ix-xoghol minkejja li kienu bdew bil-preparamenti. Ghalhekk ma kienx baqa' x'jista' jsir hlief li tithassar din l-attivita'.



S. Borg

Fontana

## Ilmenti/Suggerimenti

Il-Kunsill rcieva ilment minn Guzepp Galea ta' Triq l-Isptar San Giljan, li ma jridx li jehel fanal dekorattiv tad-dawl mal-proprjeta' tieghu, kif ukoll minn ghand Grace Borg, mill-istess triq li ma tixtieqx li jitwahhal fanal dekorattiv tad-dawl mal-proprjeta' taghha.

Ilment minn ghand M'Stella Mizzi Taliana ta' Triq il-Qalb ta' Gesu' biex issir bankina ta' quddiem i-dar taghha minhabba li hi ta' periklu ghal familja u ankc ghall publiku. Il-Kunsilll li din il-bankina ghandha titranga mill-haddiema tal-Kunsill, u ssir bil-"paving blocks" minflok l-madum li hemm, tul ta' madwar 3 metri. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Horace Micallef issugerixxa li meta jigri att vandalu jew aggressjoni fuq kunsillier, dan il-Kunsill ghandu jibghat nota ta' solidarjeta lil Kunsillier koncernat. Il-Kunsill qabel.

Il-Vici Sindku Tony Borg, ressaq suggeriment li peress li fil-Budget gie propost illi l-familji kollha Ghawdxin ser jikkwalifikaw ghal sussidju meta jinxtara Solar Water Heater, ghandu jsir kuntatt mal-familji kollha tal-Fontana sabiex naraw kemm minnhom li huma interessati fix-xiri ta' dan l-investiment. Ghalhekk il-kunsill mbaghad jkun jista' jixtri kunsinna kbira minn dawn il-heaters wara li jkun sar ftehim mal-familji. Il-Kunsill qabel li jinbeda l-process biex naraw kemm mir-residenti tal-Fontana jixtiequ s-solar water heater. Il-Kunsill ghandu jara wkoll hemmx bzonn xi permessi mill-MEPA, peress li certi toroq fil-Fontana huma fl-"Urban Conservation Area". Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk forsi hux ahjar jara l-Kunsill flok "solar water heaters" naghmlu "solar panels". Imma peress li dawn ghadhom fil-bidu tal-uzu taghhom mir-residenti x'aktarx li huma aktar gholjin mis"solar water heaters". Il-Kunsill qabel.

## Approvazzjoni ta' Kontijiet

Il-Kontijiet ta' hawn taht gew approvati:

### Schedule of Payments

| PERIOD | Month<br>Year | Nov-09 |
|---|---|---|



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

S. Borg

Fontana

| Ref No | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|
| | CIR for October 2009 | 623.64 | |
| | Mayor's Allowance for October 2009 | 374.98 | |
| | Salary A/Exec Secretary for October 2009 | 1,430.12 | |
| | DOI (advert Govt. Gazette) | 9.33 | |
| | Gozo Channel (trip to Malta on 11/11/09 | 19.55 | |
| | Cultural Heritage Projects Ltd | 105.00 | |
| | Local Council Association (Laqgha sindki 6-7/11) | 165.00 | |
| | Bank Guarantee re MEPA Permits | 2,000.00 | |
| | Bank Charges re Bank Guarantee | 60.00 | |
| | Ventura Coaches (trip from C'kewwa to Catamaran | 126.00 | |
| | Koptaco (bus service on 03/10/2009) | 164.92 | |
| | Longbrow Ltd (500 grey bags re Indafa Kampanja) | 454.30 | |
| | Projects & Dev. - Agriculture Dept. | 45.36 | |
| | A.&M Printing (leaflet - Kampanja Indafa | 80.85 | |
| | Joscar Camilleri (Pub. Conv. October 2009) | 158.34 | |
| | JCR Ltd (Sika Plug Rapido m - 1 Kg.) | 2.36 | |
| | Savio Debrincat ( Refuse Coll. Sept. 2009) | 1,208.69 | |
| | savio Debrincat (Refuse Coll. Oct. 2009) | 1,323.80 | |
| | Projects & Dev. - Cleansing Sect. | 19.21 | |
| | Mario Camilleri Non-Woven Bags | 383.50 | |
| | Rapa Showrooms (Non-Slippery Tape & rollers) | 73.80 | |
| | GO Ltd., (Telephone Serv. For October 2009) | 107.01 | |
| | GO Ltd., (Fax. Service for October 2009) | 19.61 | |
| | Anthony Mercieca (Tbattil ta' Skip Oct '09) | 69.90 | |
| | A&E Mintoff Co Ltd.(harga residents 28/05/09) | 60.00 | |
| | CIR for November 2009 | 687.30 | |
| | Mayor's Allowance for November 2009 | 374.98 | |
| | Salary A/Exec Secretary for November 2009 | 1,398.79 | |
| | Advert Independent Tender 02/2009 | 50.00 | |
| | Joscar Camilleri (Pub. Conv. November 2009) | 158.34 | |
| | Emanuel Caruana - Coach Service on 03/10/09 | 50.00 | |
| | | 11,804.68 | |



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

S Borg

Fontana

**Materji Ohra**

Is-Sindku qal li l-Kunsill applika ghall attivita' sportiva fix-Xlendi ghas-sena 2010 u t-talba saret ghal €4,000 fuq jumejn fil-21 u 22 ta' Awwissu 2010. Huwa ha l-applikazzjoni fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma basket tac-carruta, kopja tal-fuljett u ritratt dwar il-kampanja edukattiva fil-Fontana peress li kienu mitluba mill-Bord tal-Ghazla.

Il-Kunsill ghamel bukkett fjuri ghal funeral ta' Anthony Camilleri, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Qala, u attenda ghal funeral il-Kunsillier Horace Micallef.

Is-Sindku qal li l-Kumitat Kongunt dwar l-Infurzar Lokali, wara li l-Kunsill talab ghall-hlas tat-"tickets" ta' qabel sar il-pooling,dan gie approvat, kif dejjem talab l-awditur. Skond il-minuti tal-laqgha ta' dan il-Kumitat Kongunt dan il-hlas jista' jsir ghax hemm flus bizzejjed.

Il-Kunsillier Horace Micallef issuggerixxa li meta tinxtara xi haga li l-Kunsill ikun marbut biz-zmien, is-"supplier" ikun "committed" li jaghmel tajjeb hu, meta ma jlahhaqx maz-zmien stipulat fil-"quotation".

Saret l-attivita' dwar kampanja edukattiva dwar l-Indafa fil-Fontana. Din saret fis-Sala tal-Komunita' fejn tqassam basket tac-carruta, pakkett boroz "totally degradable" u fuljett dwar din il-kampanja li gie ppreparat mis-Sindku. Kien prezenti l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn flimkien mas-Sindku ghamlu messagg tal-okkazjoni. Attendew ukoll il-Vici Sindku, u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef flimkien mal-Agent Segretarju Ezekuttiv, kif ukoll numru sabih ta' residenti.

Is-Sindku attenda wkoll ghall laqgha li saret fil-Lukanda Grand Hotel Excelsior organizzata mis-Segretarjat Parlamentari ghd-Djalogu Pubbliku u Nformazzjoni ma 90 Sindku Franciz. Saret ukoll ghat-tieni sena konsekuttiva t-tilqima tal-Influwenza fis-Sala tal-Komunita'. Attendew 31 persuna. Ha hsieb din l-inizjattiva l-Kunsillier Victor Cefai.

Il-Kunsill qabel ukoll li jixtri ktieb, ammont ta' €50, lil Nursing Officer Alfred Xerri ghax-xoghol li wettaq meta gie ta t-tilqima kontra l-influwenza lir-residenti tal-Fontana.

Il-Vici Sindku attenda ghal laqgha tas-Sindki u Vici Sindki li giet organizzata mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, f'"The Palace" f'tas-Sliema.

Saret ukoll harga socjo-kulturali f'Malta fil-11 ta' Novembru organizzata mill-Kunsill. Saret quddiesa fil-Kappella tal-Bahrija fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Martin, wara zorna



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555

l-kumpless Lidl fiz-Zejtun, fejn il-propjetarji nformaw lil Kunsill li lesti li jhallsu l-ispejjez tat-trasport, kif ukoll zorna Marsaxlokk u Imdina fejn zorna l-Muzew u l-knisja tal-Karmnu. Attendew 41 pesuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai, u Horace Micallef.

Is-Sindku attenda ghall laqgha regjonali tas-Sindki Ghawdxin li saret mill-President Regjonali Dr. Samuel Azzopardi. Din kienet fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

Il-Kunsillier Victor Cefai attenda ghal seminar organizzat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-"Website" gdida tad-Dipartiment. Din saret fil-Kunsill Lokali ta' Sannat.

Is-Sindku attenda wkoll ghal funeral tas-Sur Pawlu Aquilina, ko-ordinatur tal-Kunsilli Lokali tal-Partit Nazzjonalista. Dan sar fil-Knisja parrokkjali tal-Marsa. Is-Sindku attenda wkoll ghall attivita' li saret fil-Kavallier ta' San Gakbu fejn tqassmu l-fondi ghal attivitajiet kulturali ghas-sena 2010. Il-Kunsill taghna ser jinghata €3500. Din hi skema bejn is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u l-Malta Tourism Authority.

Is-Sindku attenda wkoll ghall laqgha li saret ghas-Sindki Ghawdxin fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria dwar il-mizuri tal-Budget. Din giet ndirizzata mill-Onor. Chris Said Segretarju Parlamentari.

Fit-28 ta' Novembru bdew l-attivitajiet ta' Jum il-Fontana bil-ftuh ta' wirja ta' artigjanat mahdum fil-Fontana. Din saret fis-Sala tal-Komunita' u giet miftuha mis-Sindku u mbierek mill-Kappillan Fr. Joseph Bajada. Din baqghet miftuha sal-1 ta' Dicembru – Jum il-Fontana –
Attendew ukoll il-Vici Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef flimkien mal-Agent Segretarju Ezekuttiv.

Wara saret harga ghat-tfal fejn zorna t-Torri tad-Dwejra, fejn dawk prezenti nghataw taghrif u sar dokumentarju dwar l-inhawi, wara zorna l-mithna tal-qamh sotteranja ta' emergenza fix-Xlendi, kif ukoll il-Kantra tax-Xlendi fejn it-tfal nghataw taghrif dwar dawn il-postijiet mis-Sindku tal-Munxar u minn Mons. Jospeh Bezzina rispettivament.

Sar ukoll bini ta' hajt tas-sejjiegh fi Triq ix-Xlendi minn zewg haddiema tal-I.P.S.L. li ntbghatu ghal dan il-ghan.

Sar wkoll it-twahhil ta' "Non Slippery Tape" fit-tarag tal-ewwel fzi tac-Centru Civiku

Fontana

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar it-tizjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel li jsir it-tizjin bhas-soltu ghalhekk Triq il-Ghajn minn hdejn l-Ufficcju tal-Kunsill sa hdejn il-Knisja Parrokkjali minn George Schembri f'isem il-Knisja Parrokkjali ghal hlas to 466 Ewro u l-meter tad-dawl. Kif ukoll it-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Merchant minn Michael Bugeja ghall l-istess hlas u l-"meter" tad-dawl. Dwar dawn it-toroq ta' l-ahhar ghandna nisselfu l-arbli tal-Knisja bhas-snin l-imghoddija.

Il-Laqgha spiccat fis-7.35p.m.

Josephine Borg
A/Segretarju Ezekutiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali – Fontana – Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel: 21558877 Fax: 21562555